MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru. 597/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**KEITH MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Keith Micallef ta’ 18- il sena, bin Alfred u Doreen nee’ Busuttil, mwieled Pieta’ nhar it- 13 ta’ Jannar 1991, residenti fil- fond numru 12, Sqaq Toni Bajada, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 61491(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 21 ta' Gunju 2009 f'hinijiet differenti matul il-gurnata, gewwa l- Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) ikkommetta serq ta' handbag liema serq huwa semplici, ghad- detriment ta' Margareth Morgan ta' cittadinanza Brittanika,
2) u aktar talli bil- hsieb li jaghmel delitt delitt ta' serq, liema serq kieku sar kien ikun aggravat bil- vjolenza, wera dan il- hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tathu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni tal-imputat il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza. Jidher li l-imputat ghandu problema akuta ta' abbuz u dipendenza fuq id-droga, li qed twasslu jwettaq reati ta' dan it-tip. Peress illi ammetta fl-aktar stadju bikri, u ghandu fedina penali netta, il-Qorti tittama li b' sorveljanza fuqu l-imputat jaghmel bidliet f'hajtu biex jeghleb dawn il-problemi u ma jwettaqx reati ohra.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 284, 41, 262 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi hati u ghaldaqstant tapplika l- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------